C/2025/1983

11.4.2025

P10_TA(2024)0067

Ħatra tal-President tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA)

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2024 dwar il-proposta għall-ħatra tal-President tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu (N10-0050/2024 – C10-0210/2024 – 2024/0802(NLE))

(Approvazzjoni)

(C/2025/1983)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-4 ta' Diċembru 2024 (C10-0210/2024),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 68(1) tar-Regolament (UE) 2024/1620 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010 ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0032/2024),

A. billi l-Artikolu 68(1) tar-Regolament (UE) 2024/1620 jipprevedi li l-President tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu għandu jintgħażel abbażi tal-mertu, il-ħiliet, l-għarfien, l-integrità, il-pożizzjoni rikonoxxuta u l-esperjenza fil-qasam tal-AML/CFT u kwalifiki rilevanti oħra;

B. billi l-Parlament huwa impenjat biex jiżgura l-bilanċ bejn il-ġeneri f'karigi eżekuttivi fl-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni; billi l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha nazzjonali u tal-Unjoni għandhom jimplimentaw miżuri konkreti biex jiżguraw il-bilanċ bejn il-ġeneri;

C. billi skont l-Artikolu 68(1) tar-Regolament (UE) 2024/1620, fid-9 ta' Ottubru 2024 il-Kummissjoni adottat lista mqassra ta' kandidati għall-kariga tal-President tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern organizzaw seduti ta' smigħ ma' dawk il-kandidati fil-lista mqassra fil-25 ta' Novembru 2024;

D. billi, f'konformità mal-Artikolu 68(1) tar-Regolament (UE) 2024/1620, il-Kummissjoni bagħtet il-lista mqassra lill-Parlament fid-9 ta' Ottubru 2024;

E. billi fl-4 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni adottat proposta biex Bruna Szego tinħatar President tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u bagħtet dik il-proposta lill-Parlament;

F. billi l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern imbagħad evalwaw il-kwalifiki tal-kandidata proposta għall-kariga ta' President tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu, b'mod partikolari fid-dawl tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 68 tar-Regolament (UE) 2024/1620;

G. billi fis-16 ta' Diċembru 2024, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern organizzaw seduta ta' smigħ ma' Bruna Szego, fejn għamlet stqarrija preliminari u wieġbet mistoqsijiet li ressqu l-membri tal-Kumitati;

1. Japprova l-proposta għall-ħatra ta' Bruna Szego bħala l-President tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu kif ukoll lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

([1]) ĠU L, 2024/1620, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1620/oj.